**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1240/2021 (AD)**

**KUNSILL LOKALI MOSTA**

**vs**

**WM ENVIRONMENTAL LIMITED (C 53505)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbatax (14) t'Ottubru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment **limitatament** rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta' intimata WM Environmental Limited, illi l-azzjoni attriċi hija *res judicata*;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors datat sittax (16) ta' Diċembru 2021, il-Kunsill Lokali Mosta (minn issa 'l quddiem *"il-Kunsill rikorrenti"*) ippremetta illi s-soċjeta' intimata WM Environmental Ltd (minn issa 'l quddiem *"is-soċjeta' intimata*) kienet ġiet

magħżula sabiex tippresta s-servizzi tagħha *in linea* mas-sejħa għall-offerti KLMT/02/2015 u kif ukoll tippresta servizz ta' knis ta' toroq ġewwa l-lokalita' tal-Mosta *in linea* mas-sejħa għall-offerti bin-numru KLMT/10/2012. Il-Kunsill rikorrenti qed jikkontendi illi:

- Fir-rigward tat-tender KLMT/02/2015, il-Kunsill rikorrenti ħareġ fis-snin 2017 u 2018 fir-rigward tas-soċjeta' intimata *default notices* fl-ammont globali ta' wieħed u għoxrin elf, ħames mija u sittin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€21,560.14), u dan stante illi s-soċjeta' intimata naqset milli tonera l-obbligi tagħha, *in linea* ma' klawsola fil-kuntratt illi kien ġie ffirmat bejn is-soċjeta' intimata u l-Kunsill rikorrenti. Dawn id-*default notices* qatt ma ġew kontestati mis-soċjeta' intimata;

- Fir-rigward tat-tender KLMT/10/2012, l-ammont tal-*invoices* datati Marzu sa Lulju 2018 jammonta għal tnejn u tletin elf u dsatax-il Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€32,019.75) (VAT inkluż), iżda minnhom irid jitnaqqas ammont sostanzjali għaliex is-soċjeta' intimata bagħat żewġ (2) ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol flok sitta (6) kif kien miftiehem, bir-riżultat illi l-maġġor parti tax-xogħol ma kienx isir, b'dana illi l-ammont dovut lis-soċjeta' intimata għandu jinżel għal għaxart elef sitt mija u tlieta u sebgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€10,673.25);

3. Għaldaqstant, il-Kunsill rikorrenti intavola l-kawża odjerna illi permezz tagħha qiegħed jitlob lil din il-Qorti:

   i. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata għandha tħallas l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, ħames mija u sittin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€21,560.14) in rappreżentanza ta' sittin (60) *default notices* maħruġa mill-Kunsill rikorrenti;

   ii. Tiddikjara li fir-rigward tal-appalt tal-knis l-ammont dovut mill-Kunsill rikorrenti lis-soċjeta' intimata huwa dak ta' għaxart elef sitt mija tlieta u sebgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€10,673.25) u mhux l-ammont ta' tnejn u tletin elf u dsatax-il Ewro u ħamsa u sebgħin

ċenteżmu (€32,019.75) kif ingħad, u għaldaqstant il-Kunsill rikorrenti għandu jiġi rifuż l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija sitta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€21,346.50);

iii. Tagħti dawk il-provvedimenti, l-ordnijiet u d-direttivi kollha relattivi u opportuni li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni fiċ-ċirkostanzi;

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjeta' intimata;

4. Mill-banda l-oħra, permezz ta' risposta ġuramentata datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022, is-soċjeta' intimata oġġezzjonat għat-talbiet rikorrenti billi ssollevat numru ta' eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu, fosthom l-ewwel eċċezzjoni preliminari kif isegwi:

> *Preliminarjament l-azzjoni attriċi hija res judicata stante li l-kwistjoni llum hija magħluqa bis-sentenza fl-ismijiet "WM Environmental Limited vs Kunsill Lokali Mosta" deċiża minn din l-Onorabbli Qorti kif diversement presjeduta fid-9 ta' Diċembru 2021 fejn il-Kunsill Lokali ġie kkundannat iħallas lill-esponenti s-somma ta' €44,251 rappreżentanti bilanċ dovut għal żewġ appalti konsistenti fi (i) knis ta' toroq u (ii) żamma ta'* soft areas *reżi mill-esponenti. Minn din is-sentenza ma ġie ntavolat l-ebda appell u għalhekk is-sentenza ċitata hija waħda finali;*

5. Waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar 2022, ġie deċiż illi din il-Qorti kienet ser tisma' provi u trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' intimata qabel tidħol fil-mertu tal-każ odjern.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

7. Rat il-proċess tar-Rikors Ġuramentat Nru 292/21 GM fl-ismijiet *WM Environmental Ltd vs Kunsill Lokali Mosta* deċiż fid-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 allegat mal-proċess odjern wara illi ġiet milqugħa t-talba tas-soċjeta' konvenuta għall-istess allegazzjoni fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) t'April 2022;

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Charmaine Bugeja** fil-kwalita' tagħha ta' Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, u rat id-dokument illi ġie minnha ppreżentat, u cioe ċertifikat ta' *res judicata* tal-kawża fl-ismijiet *WM Environmental Ltd vs Kunsill Lokali Mosta* (Rik Ġur 292/21 GM) (**Dok CB1** a fol 1391 tal-proċess;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari sollevata mis-soċjeta' konvenuta;

10. Rat illi waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Ġunju 2022 il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' *res judicata*, sollevata mis-soċjeta' konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

## Konsiderazzjonijiet

12. Il-prinċipji illi fuqhom jiġi determinat jekk għandhiex tintlaqa' eċċezzjoni ta' *res judicata* ġew żviluppati mill-Qorti nostrana matul is-snin, sabiex illum-il ġurnata, għandna set ta' prinċipji illi fuqhom tista' din il-Qorti timxi sabiex tiddetermina jekk effettivament il-kawża illi fiha tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-ġudikat tibqax tinstema' fil-mertu jew le. Ġie stabbilit fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia***[1]:

> *Illi biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ il-konkors ta' tliet elementi, cjoe l-istess persuni, l-istess oġġett u l-istesss*

[1] Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Dr J Caruana Colombo, 13 ta' Frar 1958 (in ġudikat)

*kawżali, cjoe li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġett u għall-istess kawżali ("eadem personae, eadem res, eadem causa petendi"), bħal fil-kawża l-ġdida.*

13. Dawn it-tliet elementi għandhom jissussistu <u>b'mod kumulattiv</u>, u cioe n-nuqqas ta' wieħed minn dawn it-tliet elementi jirrendi l-eċċezzjoni ta' ġudikat bħala waħda illi għandha tiġi respinta. Dan fit-termini tal-massimu legali *nisi omnia concurrunt, alia res est*.[2] Difatti, fil-kawża fl-ismijiet ***Debattista et vs Farrugia*** suċitata, kien nieqes l-element ta' *eadem personae*, u din il-Qorti kif diversement presjeduta għaddiet sabiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut a bażi tal-fatt illi kien nieqes wieħed mit-tliet elementi suriferiti, mingħajr ma għamlet indaġini dwar jekk kinux jissussistu ż-żewġ elementi l-oħra jew le;

14. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sharon Zahra vs Stefan Zahra***[3]:

*L-iskop tal-prinċipju tar-**res iudicata** hu evidenti u cioe' li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwiżiti wara proċess ġudizzjarju. Il-ġurisprudenza tagħna hija għanja f'dan ir-rigward u per eżempju il-Qorti qed tiċċita l-kawża* **Salv Meli and Sons v. Burdnara Group** *(Prim'Awla, 27 ta' April 2009) u speċjalment* **Bugeja v. Azzopardi** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju 2001 li tiċċita diversi sentenzi oħra. Fost affarijiet oħra per eżempju f'din l-aħħar sentenza, il-Qorti qalet:*

---

[2] Vide, *inter alia*, Rik Ġur 351/2014, ***Jet Services Ltd vs John Abela Ltd et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ R G Mangion, 27 ta' Frar 2020 (in ġudikat), u Rik Ġur 112/2018, ***Mary Rose mart Anthony Zammit et vs Emmanuel Cremona et***, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), Maġ Dr B Sultana, 16 ta' Diċembru 2021 (in ġudikat)

[3] Ċit Nru 192/2014 AF, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Jannar 2016

> *"L-ebda disposizzjoni fil-liġi tagħna ma tagħti lok li titressaq ċitazzjoni sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Għalhekk din il-Qorti mhiex se tisma' l-provi dwar x'kienet il-proċedura segwita f'kawża li għaddiet in ġudikat u li fiha ma ġiex utilizzat ir-rimedju provdut mil-liġi sabiex tali sentenza tiġi attakkata."*

*Fil-kawża* ***Gerada v. Caruana*** *msemmija mill-istess sentenza u li ġiet deċiża fl-1973 intqal:*

> *"L-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiż ma tiġix imfixkla u intralċjata billi fi kwalunkwe żmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawża terġa' tqajjem kwistjonijiet rigward tagħha u terġa' tiftaħha."*

*Fil-ftuħ tat-trattat tiegħu dwar dan l-istitut,* ***Laurent*** *jiċċita awtur ieħor* ***Pothier*** *li jgħid, 'L-autorita' della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur.'*

15. Hekk ukoll kien ġie spjegat fis-sentenza *in parte* mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et***[4], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta żiedet ukoll illi din l-eċċezzjoni għandha tingħata interpretazzjoni strettissima:

[4] Rik Ġur 1792/1991/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Imħ P Sciberras, 28 ta' Marzu 2003. Għalkemm din is-sentenza ġiet appellata fil-mertu (u cioe, mhux dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat), il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Istanza.

*L-'exceptio rei judicatae' għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li għaddiet 'in giudicato', jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq – 'res judicata pro veritate habetur' – jiġifieri l-fundament ta' l-'actio' u ta' l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*

16. Din is-sentenza appena ċitata ġiet ukoll ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Zammit et vs Reverendu Dun Karm Busuttil***[5], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta ikkonfermat il-prinċipji legali suriferiti meta reġgħet għal darb'oħra kkonfermat illi:

*L-eċċezzjoni ta' res judicata timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jistħoqqilha li tiġi meqjusa mill-Qorti, għalhekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni (**Joseph Camilleri vs Lilian Mallia**, App 05/10/1998).*

*Eċċezzjoni bħal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt iżda hi waħda ta' natura prettament ġuridika. Għalhekk huwa importanti illi l-prinċipji legali involuti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tas-sentenza preċedenti. (**Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby,** PA 28/03/2003).*

17. Applikat il-premess għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel l-indaġini tagħha dwar dak illi jikkostitwixxi kull

[5] Rik Ġur 825/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ M Chetcuti, 8 ta' Jannar 2020 (in ġudikat)

wieħed mit-tliet elementi illi jeħtieġ jissussistu sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u jekk effettivament jissussistux fil-każ odjern;

## A. <u>L-Istess Partijiet</u> (***<u>Eadem Personae</u>***)

18. Dwar dan l-element, ġiet ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Debattista et vs Farrugia*** suċitata:

> *Infatti, biex ikun hemm dan ir-rekwiżit* [tal-identita' tal-persuni], *jeħtieġ "che la domanda corra fra le medesime parti, e che sia proposta da esse e contro di esse nella medesima qualita'. La cosa giudicata consistendo in una verita' puramente relativa, si restringe per conseguenza alle persone fra le quali è stato pronunziato il giudicato. Del resto, quanto alla necessita' di identita' delle parti, dessa deriva, come è evidente, dalla essenza intima del concetto di giustizia, per cui è domandato che non si possa condanare, e per riflesso non si possa portar pregiudizio alle ragioni di una persona, senza che questa sia stata messa nella possibilita' di potersi difendere – 'ne inauditus condemnetur'" (Digesto Italiano, Vol. VIII, Parte I, Cosa Giudicata (Civile), para. 58).*

19. Hekk jirriżulta illi sabiex jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit, jeħtieġ illi s-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat, kienet bejn l-istess persuni;

20. Huwa fatt illi mhux qiegħed jiġi kontestat minn parti jew minn oħra illi l-kawża in ġudikat (Rik Ġur 292/2021 GM) kienet bejn l-istess partijiet illi huma involuti fil-kawża odjerna, u cioe l-Kunsill Lokali Mosta u s-soċjeta' WM Environmental Limited, b'dana iżda illi fil-kawża in ġudikat kienet is-soċjeta' WM Environmental Limited illi ressqet pretensjonijiet fil-konfront tal-Kunsill Lokali Mosta, filwaqt illi fil-kawża odjerna huwa l-Kunsill Lokali Mosta illi intavola l-kawża;

21. Madanakollu, għal dak illi jirrigwarda l-element ta' *eadam personae,* ikkunsidrat il-fatt illi huma l-istess partijiet illi huma involuti fil-kawża odjerna dan l-element jidher illi huwa sodisfatt.

**B. L-Istess Oġġett (*Eadem Res*)**

22. F'dak illi jirrigwarda l-oġġett tal-kawża, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited***[6]:

> *Illi l-bażi għal dan ir-rekwiżit hija ċara: sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza preċedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarita' mhix ostaklu għal talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.*
>
> *Illi mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identita' ta' l-oġġett jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajma fit-talbiet attriċi ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġewx determinati mis-sentenza l-oħra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni*

[6] Ċit Nru 1209/00, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ R Pace, 9 ta' Jannar 2002 (in ġudikat). Ara wkoll Rik Ġur 57/2018, ***William Portelli vs Peter Paul Portelli et***, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) Sezzjoni Ġenerali, Maġ Dr B Sultana, 22 t'April 2021 (in ġudikat)

*tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identita' ta' l-oġġett.*

23. Fuq dan il-punt elaborat ukoll din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Anthony Gatt et vs Philip Gatt et***[7]:

> *Ingħad ukoll illi għalkemm biex jista' jiġi nvokat il-ġudikat, hemm bżonn l-identita' tal-oġġett, din l-identita' ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedotta fl-ewwel ċitazzjoni (ara: PA – "**Antonio Avela vs Giuseppe Fenech**" – 28 ta' Frar 1946; u Appell Ċivili – "**Eugenio Borg vs Saverio Farrugia**" – 31 ta' Marzu 1952). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawża oħra jiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diġa' ġew diskussi f'kawża deċiża b'sentenza li diġa' tkun għaddiet in ġudikat (ara: "**PL Robeerto Tabone noe vs Joseph Cannataci**" – PA – 6 ta' Marzu 1946).*

24. Fil-każ odjern, jidher ċar illi l-oġġett tal-kawża fil-kawża odjerna huwa ħlas relatat mas-sejħa għall-offerti KLMT/02/2015 u KLMT/10/2012 dovut lill-Kunsill rikorrenti mis-soċjeta' intimata, filwaqt illi l-oġġett tal-kawża fir-Rik Ġur 292/2021 GM kien ħlas relatat mas-sejħa għall-offerti KLMT/02/2015 u KLMT/10/2012 dovut lis-soċjeta' intimata mill-Kunsill rikorrenti. Jirriżulta mill-proċess tal-kawża Rik Ġur 292/2021 allegat mal-proċess tal-kawża odjerna illi fil-kawża Rik Ġur 292/2021 GM, is-soċjeta' WM Environmental Ltd talbet lil din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex:

    (a) Tisma' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta; u

[7] Rik Ġur 875/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 24 ta' Marzu 2015

(b) Tikkundanna lill-Kunsill Lokali jħallas is-somma ta' €44,251;

Dan stante illi s-soċjeta' WM Environmental Ltd kienet qed tivvanta pretensjoni ta' €44,251 kontra l-Kunsill Lokali Mosta rappreżentanti ħlas dovut lilha għall-appalt illi ġie eżegwit mis-soċjeta' llum intimata fit-termini ta' KLMT/02/2015 u KLMT/10/2012. Mill-banda l-oħra, fil-kawża odjerna, il-Kunsill Lokali qiegħed jitlob lil din il-Qorti, *inter alia,* sabiex:

(a) Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas penali fl-ammont ta' €21,560.14 għal xogħol illi sar ħażin fl-eżekuzzjoni tagħha tal-appalt fit-termini tal-KLMT/02/2015; u

(b) Tiddikjara illi huwa dovut lill-Kunsill Lokali Mosta rifużjoni fl-ammont ta' €21,346.50 rappreżentanti ħlas ta' ħaddiema illi effettivament ma ntbagħtux mis-soċjeta' intimata fuq il-lant tax-xogħol skont kif kien ġie pattwit f'KLMT/10/2012;

25. Sa fejn wieħed jikkonsidra t-talbiet per se, *prima facie* jidher illi l-oġġetti tal-kawżi huma diversi. Madanakollu, jirriżulta mill-atti fil-proċess tar-Rik Ġur 292/2021 GM illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-Kunsill Lokali Mosta, illi baqa' kontumaċi, oġġezzjona għat-talbiet ta' WM Environmental Limited preċiżament fuq il-punt illi x-xogħol illi kellu jsir mill-istess soċjeta' sar ħażin, u cioe l-istess punt illi fuqha qiegħed jibbaża l-kawża odjerna. Meta wieħed idur lejn is-sentenza mogħtija fir-Rik Ġur 292/2021 GM, jirriżulta illi din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet, b'mod mill-aktar ċar:

> *Illi l-attriċi ppruvat sodisfaċentement il-kreditu tagħha permezz ta' xhieda u dokumenti.* ***L-allegazzjonijiet dwar xogħol ħażin esegwit mill-attriċi ma ġewx ippruvati mill-konvenut, anke għaliex baqa' kontumaci****. B'referenza għal ċerti lmenti mressqa mill-konvenut, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tiegħu li filwaqt li*

*trid tkun moralment sodisfatta mill-provi mressqa mill-attriċi, min-naħa l-oħra hi mhix qiegħda hawn biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tad-difiża. [...]*[8]

26. Din il-Qorti tinnota għalhekk illi l-oġġett fil-kawża odjerna kien punt integrali fid-deċiżjoni mogħtija fil-kawża in ġudikat, u kien biss minħabba n-nuqqas ta' prova da parti tal-Kunsill Lokali Mosta (illi baqa' kontumaċi) illi din il-Qorti kif diversement presjeduta ma trattatx it-talbiet tal-Kunsill Lokali Mosta kif indikati fis-sentenza odjerna bħala eċċezzjonijiet fil-kawża intavolata mis-soċjeta' WM Environmental Limited;

27. Din il-Qorti għalhekk <u>tqis illi jirriżulta sodisfatt ukoll it-tieni element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat</u>.

## C. <u>L-Istess Kawżali</u> (***<u>Eadem Causa Petendi</u>***)

28. Dwar dan it-tielet element, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Jet Services Ltd vs John Abela Ltd et***[9]:

> *Għar-rigward tal-eadem causa petendi, din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Għalhekk, din hija t-titlu, cioe', il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Sabiex il-kundizzjoni ta' l-eadem causa petendi tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuti fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.*

[8] Vide fol 52 tal-proċess allegat. Emfasi miżjuda.
[9] Rik Ġur 351/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ R G Mangion, 27 ta' Frar 2020

> *Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikat fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu għal dik is-sentenza. Għal din il-mistoqsija ingħad li l-kwestjoni li dwarha titressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat jeħtieġ li, fil-fatt, tkun ġiet effettivament deċiża fl-ewwel sentenza, u mhux biss setgħet ġiet deċiża.* [Ara **Caterina Gerada vs Av. Dr. Antonio Caruana** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-7 ta' Marzu 1958] *Għaldaqstant, id-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat.* [Ara **Lino Testaferrata Bonnici vs Josephine Testaferrata Bonnici** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-12 ta' Mejju 1958]

29. Dwar il-fatt illi d-dispożittiv ta' sentenza għandu jiġi definit u spjegat mill-motivat, ġie spjegat f'akter dettal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Giovanni Grima vs Victor Fava et***[10]:

> *[K]if intqal fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Farrugia Gay vs Farrugia" (Kollez. Vol. XXIV, I, 157) "per riconoscere il vero portato di una sentenza, occorre indagare quale fosse stato la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorga il giudicato". L-istess ħaġa intqal minn din il-Qorti fil-kawża "Debono vs Matthews" (App. Ċiv 24 ta'*

[10] Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 ta' Mejju 1967

> *Ottubru 1966) cioe illi "id-dispositiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premess". Fl-appell "Dottor Caruana vs Dottor Buhagiar" (App Ċiv 17 ta' Diċembru 1965) din il-Qorti qalet: "Biex dikjarazzjoni tkun konklusiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament raġonament jew sempliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrappreżenta il-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa li s-soluzzjoni jew konklużjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti tagħha". Fl-aħħarnett fil-kawża "Testaferrata Bonnici vs Testaferrata Bonnici" (App Ċiv 12 ta' Mejju 1958) intqal – u dak hu partikolarment appożitu għall-każ preżenti – illi "dak li hu anteċedent neċessarju tad-dispositiv u li hu ta' bil-fors ovvjament deduċibbli minnu, jitqies involut fih u parti minnu";*

30. Fil-kawża odjerna, il-fatt ġuridiku illi jifforma l-bażi tat-talba tal-Kunsill rikorrenti huwa preċiżament allegazzjoni ta' xogħol illi sar ħażin da parti tas-soċjeta' intimata. Madanakollu, hekk kif diġa' ġie senjalat aktar 'il fuq, **din il-Qorti kif diversement presjeduta diġa esprimiet ruħha f'dan ir-rigward**. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***John Borg et vs Joseph Farrugia et***[11], din il-Qorti kif diversement presjeduta saqsiet preċiżament il-mistoqsija illi tqum fil-kawża odjerna, u cioe *"Tista' tiġi sollevata din l-eċċezzjoni meta l-attur kien kontumaċi?"* Ir-risposta tagħtiha l-istess Qorti meta tgħid:

> *[J]idher li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija konkordi li l-ġudikat jifforma ruħu mhux biss għar-rigward ta' dak li ġie diskuss espressament imma anke ta' dak li messu ġie diskuss, u ma ġiex diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eċċezzjonijiet l-*

[11] Rik Nru 1255/07, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ L Schembri Orland, 30 t'Ottubru 2014. Għalkemm din is-sentenza ġiet appellata fil-mertu, il-parti tad-deċiżjoni illi kienet tirrigwarda l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma ġietx appellata.

*oħra. Kif ġie ritenut mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-każ fl-ismijiet* ***"Carmelo Panzavecchia v. Constantino sive Zanzo sive Annunziato Caruana"*** *(dec fil-11 ta' Ġunju 1958 – Vol. XLB-I-55) "Il-ġudikat jassorbixxi kull azzjoni li, in mertu għall-azzjoni, kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni mal-azzjoni stess..." Għalhekk il-fatt tal-kontumaċi ma jagħtix lill-konvenut id-dritt li jqanqal eċċezzjonijiet oħra f'ġudizzju separat.*

31. Issa fil-każ odjern, mhux talli l-fatt ġuridiku illi fuqu l-Kunsill Lokali Mosta qiegħed iressaq il-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna (u cioe dik illi kellha tkun l-eċċezzjoni tal-istess Kunsill fil-kawża Rik Ġur 292/2021 GM, għaliex huwa fuq dan il-fatt illi l-Kunsill jidher illi kien qiegħed joġġezzjona għat-talbiet tas-soċjeta' WM Environmental Ltd) ġie diskuss, iżda talli din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet aċċenn għall-istess fatt ġuridiku fis-sentenza tagħha, b'dana illi indikat illi kienet irrikonoxxiet l-ilment tal-istess Kunsill, liema ilment iżda ma ġiex pruvat;

32. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi jissussisti wkoll it-tielet element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

33. In konklużjoni, għalhekk, fid-dawl tal-fatt illi jirriżulta lil din il-Qorti illi jissussistu t-tliet elementi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa**' l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' intimata fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħha għar-rikors promotur.

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>**’ l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta’ intimata WM Environmental Limited, u għalhekk

(ii) **<u>Tastjeni</u>** milli tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.

Bl-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri kontra l-Kunsill Lokali Mosta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**